TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 20/06

* Il- laqgħa Nru 20/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju 2010 fis-6.00pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sinj. C. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** Is-Sur I. Dalli kien assenti.

Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 18/06 (30.6.10)

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 18/06 tat-30/06/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 19/06 (17.6.10)

**2.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja Numru 19/06 tas-17/07/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**2.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku qal li tal-ELC mhux ibattlu l-*bins* tal-ġonna kuljum kif kien miftiehem. Intbagħtet '*default notice'* f'dan ir-rigward imma qed joġġezzjonaw għaliha. Ser issir laqgħa magħhom għal kjarifika u biex niddiskutu kif jista' jsir xogħol aħjar. ELC

**3.2** F'dan il-waqt is-Segretarju Eżekuttiv għamel parentesi u qal li kemm jista' jkun qed jikkopja lill-Kunsillieri kollha l-korrispondenza li qed tintbgħat permezz ta' *emails* sabiex ikunu infurmati x'ikun għaddej. Dan ukoll biex meta ssir diskussjoni dwar il-materja relatata waqt laqgħa tal-Kunsill ikun iżjed faċli li wieħed jifhem mingħajr ħela ta' żmien biex is-Sindku joqgħod jispjega. Korrispondenza

**3.3** Is-Sindku qal li x-xogħol ta' pavimentar fi Sqaq Brittaniku intgħoġob u issa tlesta'. Sqaq Brittaniku

3.3.1 It-tieni parti tal-proġett li hi l-bankina fi Pjazza Repubblika li tkompli mal-isqaq, kif ukoll il-ftuħ tat-tielet bokka tax-xelter għalissa x-xogħol ġie sospiż sakemm il-MEPA toħroġ il-permessi meħtieġa.

3.3.2 Is-Sindku qal li ġiet ippubblikata s-Sejħa għall-Offerti għall-'*3 stainless Steel access panels with 27mm tempered glass'.* Offerti

Għeluq tad-data hi fis-6 t'Awissu 2010 f'nofsinhar. Il-Kumitat Ad Hoc għall-ftuħ tal-offerti ser ikun magħmul mis-Sindku, Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

3.3.3 Is-Sindku qal ukoll li b'żieda mal-€28,813 (*bollard*, 2 lanterni, 3 *stainless steel trays* bil-ħġieġ, 6 *trap chambers* u *marine plywood cover*) u €14,440 li hu x-xogħol tal-pavimentar tal-isqaq, jiżdied ukoll €10,245 għall-bankina tal-pjazza li tagħmel parti wkoll mill-proġett.

It-total globali tal-proġett hu stmat għall-€53,498.

**3.4** Is-Sindku qal li wara ħafna korrispondenza wasalna biex fl-aħħar ordnajna l-apparat għal Ġnien Ovindoli biex jiġi nstallat bħala deterrent għal żgħażagħ irresponsabbli. Apparat ta' deterrent

**3.5** Dwar il-ħaddiema tal-ETC, is-Sindku qal li wieħed minnhom m'għadux jattendi għax-xogħol u ser ikun 'boarded out'. Mill-banda l-oħra ġew assenjati tnejn oħra li ser jibdew min-nhar it-Tnejn 2/08/2010. Ħaddiema mill-ETC

**3.6** Is-Sindku qal li għada ser tkun lesta is-sistema tal-Wifi tal-bandli u l-internet ser ikun jista jiġi' aċċessjat mill-pubbliku. Wifi

**3.7** Is-Sindku qara ittra ta' ringrazzjament mibgħuta minn Thea Garrett bħala apprezzament għal Premju "Unur il-Kunsill" li ġiet ippreżentata bih f'Jum Ħal Tarxien. Unur il-Kunsill Lokali

**3.8** Is-Sindku qara *email* mibgħuta minn GreenPak li qed jissuġġerixxu li l-boroż ġriżi għal skart separat jiġu mqassma minn rappreżentanti tagħhom f'isem il-Kunsill Lokali. Green Pak

3.8.1 Is-Sindku, kif ukoll il-Kunsillieri, qablu li għalinqas magħhom għandu jkun hemm membri tal-Kunsill. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera Claudine Lanzon ser jakkumpanjaw lill-GreenPak f'dan it-tqassim.

3.8.2 Is-Sur L. Bonavia ippropona li għandu jinkiteb artiklu fil-fuljett dwar dan u li dan qed isir b'inizjattiva tal-Kunsill.

**3.9** L-ittra lid-Direttur dwar il-*Financial Indicator* intbagħtet lid-Dipartiment Gvern Lokali fit-30 ta' Ġunju 2010 u li tagħha għandna 'acknowledgement'. Financial Indicator

**3.10** Dwar ir-rampa quddiem ir-Rainbows, is-Sindku qal li nqalgħu diversi problemi u lmenti minn residenti fi Triq San Franġisk, kif ukoll dehru xi ittri fil-gazzetti u ittra oħra li waslet bl-idejn fl-Uffiċċju. Dawn l-ittri ġew moqrija mis-Sindku. Rampa mar-Rainbows

3.10.1 Kompla jgħid li din ir-rampa saret skont il-permessi tal-MEPA kif ukoll bi qbil unanimu tal-Kunsill.

3.10.2 Is-Sindku qal ukoll li dwar dan il-każ ser jiltaqa' mar-Rainbows biex jintlaħaq kompromess x'irid isir biex ma jbagħti ħadd.

3.10.3 Hu qed jissuġġerixxi li r-rampa titkompla b'rampa oħra bi tkomplija ma' l-istess waħda, jiġifieri titla' min-naħa u tinżel mill-oħra.

**3.11** Intbagħtet ittra lill-Onor. Dr. J. Azzopardi sabiex Sqaq Barbaru jiġi esproprjat mill-Gvern u jerġa' jsir aċċessibbli għall-pubbliku. Sqaq Barbaru

**3.12** Wara li d-Dipartiment talab lill-Kunsill sabiex il-lista' ta' toroq li ġew prezentati fl-iskema tal-PPP jiġu maqsuma fi tnejn peress li l-valur oriġinali kien għoli ħafna. Is-Sindku ppreżenta il-prijoritajiet għall-iskema PPP kif għandhom jiġu *resurfaced* it-toroq f'din l-iskema. Il-lista kienet iċċirkulata lill-Kunsillieri kollha minn qabel (App. 1 u 2) Skema

Il-Kunsill approva nem. con. iż-żewġ prijoritajiet li ser jintbagħtu lid-Dipartiment Gvern Lokali.

**3.13** Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tagħna għall-iskema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar ma ġietx milqugħa għaliex ma kinitx tissodisfa l-kriterji selettivi għal din is-sena fuq din l-iskema. Skema għal Restawr

3.13.1 Il-Viċi Sindku qal li min-naħa tiegħu ser jara jekk hux possibbli li nakkwistaw fondi minn xi skemi oħra.

**3.14** Dwar it-talba ta' resident fi Triq is-Sorijiet k/m Triq Xintill biex issir traffic calmer fin-niżla quddiem it-Timecare, is-Sindku qal li diġa' kien hemm deċiżjoni ta' rifjut mill-ADT. Traffic Calmers

**3.15** Is-Sindku qara ittra tas-Sinj. J. Grech, impjegata tal-Kunsill, għal *'reduced hours'* minn Ottubru li ġej għal xogħol ta' 30 siegħa fil-ġimgħa. Reduced Hours

3.15.1 Is-Sindku nnota li l-impjegati qed jiddettaw huma x'għandu japprova l-Kunsill u diġa' fasslu l-orarju tagħhom kif ser jaħdmu (App. 3).

3.15.2 Dan ma jfissirx li l-Kunsill u hu mhux disposti li jgħinu.

3.15.3 Ġew diskussi possibiltajiet x'jista' jiġri f'każi fejn xi waħda mill-impjegati toħroġ *sick* waqt li xi oħra tkun *leave* u l-oħra ma jkunx imissa tidħol xogħol.

3.15.4 Barra minn hekk il-Kunsill irrimarka wkoll dwar jekk min ikun bir-*'reduced hours'* għandux id-dritt li jaħdem xogħol ieħor *part-time* waqt il-ħin oriġinali tal-Uffiċċju li matulu jkun ingħata l-konċessjoni ta' *'reduced hours'*.

3.15.5 Finalment il-Kunsill iddeċieda li jagħti d-deċiżjoni tiegħu waqt laqgħa oħra filwaqt li ser jiħu pariri legali u amministrattivi f'dan ir-rigward.

3.15.6 Il-Kunsill qabel ukoll li meta jagħti d-deċiżjoni tiegħu ser jagħmel ukoll ċertu kundizzjonijiet lill-impjegati.

3.15.7 Is-Sur L. Bonavia qal li ser jipprova jġib estratt mill-*Public Service Administration Act.*

**3.16** Is-Sindku qal li flimkien mal-Viċi Sindku ser jattendu għall-konferenza tal-ECAD li ser issir f' Għawdex bejn it-23 u l-25 ta' Settembru filwaqt li jkomplu jattendu għall-konferenza tas-Sindki organizzata mill-AKL. ECAD

**3.17** Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-*Malta Planning and Design Consultants* flimkien ma' *Newark Schools* li għandhom interess li jiżviluppaw il-parti ta' Sardinja indikata fis-*South Malta Local Plan* tal-MEPA bħala *'Mixed Development Area'.* Din l-area tappartjeni lill-*Joint Office*. Mixed Dev. Area

3.17.1 Kompla jgħid li dawn il-persuni intbagħtu mill-MEPA biex jikkonsultaw mal-Kunsill. Qal ukoll li dan hu pass pożittiv min-naħa tal-MEPA.

3.17.2 Is-Sindku ppreżenta 3 *options* li fl-opinjoni tiegħu Opt. 1 hu l-aħjar proġett fejn ser tinbena skola privata, bini resdenzjali u spazju pubbliku ta' rikrejazzjoni.

3.17.3 Is-Sindku irrakkomanda li l-ispazju pubbliku ikun żviluppat mill-Kunsill b'fondi speċjali li japplika għalihom.

3.17.3.1 Is-Sur L. Bonavia irrimarka li jekk l-iżviluppaturi huma nteressati f'din l-area għandhom jiżviluppaw kollox huma anki l-ispazju pubbliku. Kompla jgħid li għandu d-dubji tiegħu f'dan l-iżvilupp.

3.17.4 Il-Kunsill qabel unanimament li l-iżvilupp għandu jsir kollu f'daqqa.

3.17.5 Is-Sindku talab il-vot għal dan l-iżvilupp.

P. Farrugia, F.Agius, K. Darmanin, D. Vella u C. Lanzon ivvutaw favur.

L. Bonavia astjena.

**3.18** Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn rappreżentanti ta' għaqdiet tar-raħal biex issir attivita' bejn il-21 u 22 t'Awwissu flimkien mal-Kunsill Lokali. 'Bejn żewġ kappelli'

3.18.1 Il-Kunsill ikun l-organizzatur prinċipali bil-kollaborazzjoni ta' 4 għaqdiet oħra. Dan minħabba li għal Jum Ħal Tarxien ma ġiet organizzata ebda attivita' bħalma jsir kull sena.

3.18.2 L-attivita' tibda minn ħdejn Villa Tarxien sa ħdejn l-HSBC u ddur sa quddiem Dar Crispi. Matul it-triq ser ikun hemm imwaqqfa palki li fuqhom isiru varjetajiet. Ser ikun hemm ukoll esibizzjonijiet varji. Ser isir ukoll tberik tal-annimali l-Ħadd filgħodu.

3.18.3 Il-Kunsill qabel unanimament li l-ispejjeż involuti mill-fondi tal-Kunsill ma jkunux iżjed minn €1500. Is-Sindku qal ukoll li ser jipprova jitlob għal xi fondi dwar attivitajiet kulturali.

3.18.4 Is-Sur L. Bonavia issuġġerixxa li waħda mill-attivitajiet tkun '4 walks'. Il-Viċi Sindku ser jikkuntattja lill-Kunsill Lokali Għargħur dwar din l-attivita' kif ukoll lis-Sur J. Farrugia dwar il-4 walks.

3.18.5 Il-Kunsill qabel unanimament li ssir l-attivita' msemmija.

**3.19** Is-Sindku qara l-ittra mibgħuta mid-Dipt. Gvern Lokali dwar l-investigazzjoni tal-każ taż-żamma tal-Garanzija Bankarja tal-ex kuntrattur tal-ġonna, fejn ġie mitlub biex jinforma lid-Dipartiment jekk il-Kunsill għamilx il-kalkoli tiegħu dwar l-ispiża involuta qabel ma ddeċieda fuq l-ammont ta' €250 li għandu jinżamm mill-Garanzija Bankarja u fuq liema kriterji ġie deċiż li tinżamm din is-somma biss. Żamma tal-Garanzija Bankarja

3.19.1 Is-Sindku ppreżenta wkoll l-istimi li ġew preparati lilu fuq talba tiegħu stess mis-Segr. Eżekuttiv għal xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill waqt iż-żmien tal-kuntratt ta' l-ex kuntrattur.

3.19.1.1 Dawn l-istimi jammontaw, skont l-attendenza tal-ħaddiema fuq dawn ix-xogħlijiet, għal 115-il ġurnata ta' 4 siegħat xogħol għat-tindif u tbattil tal-*bins* fil-ġonna bi spiża ta' €2760, u minimu ta' 30 ġurnata xogħol b'4 ħaddiema fuq Ġnien Penza bi spiża ta' €2880; total ta' €5640.

3.19.2 Is-Sindku talab għall-kummenti tal-Kunsillieri biex ikun jista' jwieġeb l-ittra tad-Dipartiment u stieden lis-Sur L. Bonavia biex jikkummenta minħabba li hu kien ippropona, u l-Kunsill qabel dwarha, biex jitnaqqas €250 biss mill-garanzija flimkien biex ma jsirx ħlas ta' Jannar, Frar u Marzu

3.19.3 Is-Sur L. Bonavia qal li kieku konna ppreżentati b'din l-istima kieku d-deċiżjoni forsi kienet tkun differenti.

3.19.3.1 Is-Segr. Eżekuttiv wieġeb li din l-istima saret fuq talba tad-Dipartiment fl-imsemmija ittra.

3.19.3.2 Is-Sur L. Bonavia kompla jgħid li il-proposta tiegħu kienet minħabba li bejn Jannar u Marzu ma kienx sar xogħol u għaldaqstant ikkalkula d-*default* fuq il-perjodu meta ma sarx xogħol.

3.19.4 Is-Sindku rrimarka li ma jaqbilx mal-kontenut tal-ittra fejn indikat li "Segretarju Eżekuttiv ilmenta wkoll mill-fatt li wara li l-Garanzija Bankarja ġiet trasferita fuq il-kont tal-Kunsill, inti bħala Sindku ċempiltlu d-dar f'ġurnata tal-Ħadd fl-10.30pm fejn opponejtlu għal dan".

3.19.4.1 Is-Sindku qal li hu oppona lis-Segretarju Eżekuttiv għaliex ma kellux l-approvazzjoni tal-Kunsill biex iżomm il- Garanzija Bankarja.

3.19.4.2 Is-Segr. Eżek. wieġeb li d-diskors kien ferm differenti minn dan.

3.19.5 Il-Viċi Sindku irrimarka li għalkemm il-Kunsill kien approva l-iskeda ta' pagamenti tal-25 ta' Frar fejn kien hemm ukoll il-fatturi tal-ex kuntrattur għal Jannar u Frar, is-Segr. Eżekuttiv baqa' ma ħallashomx. Kompla jgħid li allura qed naħlu l-ħin meta niġu biex napprovaw l-iskeda ta' pagamenti

3.19.5.1 Is-Segr. Eżekuttiv wieġeb li ma kienx obligat li jħallas meta l-Kunsill kien qed japprova l-ħlas filwaqt li fl-istess ħin kien qed jirreġistra l-ilmenti dwar in-nuqqasijiet tal-kuntrattur. (Dan fl-istess laqgħa tal-25 ta' Frar, item 2.23, fejn ġiet approvata l-isked biex jitħallas Clo. Gauci għal Jannar u Frar għal xogħol li ma kienx esegwit).

3.19.6 Is-Segr. żied jgħid li hu fid-dmir li jressaq l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Hi fid-diskrezzjoni tal-Kunsill jekk japprovax jew le.

3.19.7 Is-Sindku qal li ser iwieġeb l-ittra tad-Dipt. Gvern Lokali.

## 4.0 Approvazzjonii tar-Rapport Amministrattiv 2009

4.1 Is-Segr. Eżekuttiv iċċirkola minn qabel ir-Rapport Amministrattiv 2009 lill-Kunsillieri kollha.

4.2 Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li ser jintbagħat lid-Dipartiment Gvern Lokali (App. 4).

## 5.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Jan – Marzu 2010)

5.1 Is-Segr. Eżekuttiv iċċirkula minn qabel lill-Kunsillieri kollha ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwar (Jannar – Marzu 2010) (App. 5).

5.2 Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li ser jintbagħat lid-Dipartiment Gvern Lokali u lin-NAO.

## 6.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (April – Ġunju 2010)

6.1 Is-Segr. Eżekuttiv iċċirkula minn qabel lill-Kunsillieri kollha ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (April – Ġunju 2010) (App.6).

6.2 Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport li ser jintbagħat lid-Dipartiment Gvern Lokali u lin-NAO.

## 7.0 Aġġudikar tal-Kwotazzjonijiet u Offerti

**7(a) Open Skips u Skips on Wheels**

7a.1 Ġew sottomessi żewġ offerti għall-provista ta' *skips* u *skips on wheels* kif indikati fil-lista f'App. 7. Wieħed mill-kuntratturi ma pprovdiex il-*Bid bond* kif mitlub u għaldaqstant l-offerta tiegħu ġiet skwalifikata.

7a.2 Il-Kunsiil approva unanimament l-offerta mitfugħa minn Carmel Bezzina (Tal-Gramm) skont ir-rati indikati f'App. 7.

**7(b) Fanali Ornamentali**

7b.1 Ġew sottomessi ħames kwotazzjonijiet għall-provista ta' fanali ornamentali mal-ħajt għat-toroq (App. 8).

7b.2 Ġew diskussi l-varjetajiet ta' fanali filwaqt li s-Sindku qal li kull min staqsih xi kwalita' jrid wieġeb li dak li qed jitlob hu b'dawl LED's u dan b'konformita' mad-direttivi maħruġa mill- Patt tas-Sindki.

7b.3 Is-Sur L. Bonavia ipparaguna li hemm differenza ta' madwar €400 bejn dawk tan-Nexos u dawk ta' M. Quip. Din id-differenza fil-prezz qed tidher biss fuq il-kwalita' tal-bozza bejn dik PL u dik LED għaliex il-lanterni huma l-istess.

7b.4 Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li l-aħjar għażla hi dik ta' M. Quip skont ir-rati indikati fil-lista ta' App. 8.

**7( c) Bollards Pneumatiċi**

7c.1 Ġiet sottomessa kwotazzjoni waħda biss mingħand *M. Quip Co. Ltd* (App. 9).

7c.2 Il-Kunsill approva unanimament din il-kwotazzjoni skont il-lista f'App. 9.

**7 (d) Pubblikazzjoni tal-Fuljett**

7d.1 Ġiet sottomessa kwotazzjoni waħda biss mingħand Veritas Press (App 10).

7d.2 Il-Kunsill approva unanimament din il-kwotazzjoni skont il-lista f'App. 10.

**7(e) Sustainable Energy Action Plan (SEAP)**

7e.1 Ġew sottomessi żewġ offeri skont il-lista f'App. 11.

7e.2 Ġew diskussi l-proposti u l-esperjenza tal-kuntratturi u ġie deċiż unanimament li l-Kumpanija "*Econing*" hija l-iżjed waħda li għandha esperjenza f'dan ir-rigward minħabba li diġa' ħadmet għal 15-il Kunsill Lokali.

7e.3 Finalment il-Kunsill approva unanimament li l-iżjed offerta vantaġġjuża hi dik sottomessa minn "*Econing*".

**7(f) Espressjoni ta' Nteress għal Dar tal-Anzjani għal Matul il-Lejl u binhar.**

7f.1 Ġiet sottomessa espressjoni ta' nteress waħda mingħand Chris Grech (App.12) li l-Kunsill ser jikkonsidra għal meta joħorġu xi fondi fir-rigward ta' Ċentru għall-Anzjani.

## 8.0 Estensjoni tal-Kuntratt tal-Knis tat-Toroq għat-Tielet Sena Konsekuttiva (01/08/10 - 31/07/11)

8.1 Il-Kunsill innota li s-servizz mogħti minn S. Mifsud għat-tindif tat-toroq hu wieħed tajjeb u mingħajr nuqqasijiet.

8.2 Għaldaqstant il-Kunsill qabel nem. con. li jġedded dan il-kuntratt għat-tielet sena konsekuttiva u jittermina fil-31 ta' Lulju 2011.

## 9.0 Affarijiet Finanzjarji

9.1 Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti li tammonta għall-€19374.16 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. '13') bil-kundizzjoni li dawk dovuti lill-Perit Dieter Falzon ma jitħallsux qabel ma jissottmetti lil dan l-Uffiċċju d-dokumeti mitluba lilu.

9.2 Is-Sindku talab lill-Kunsill biex japprova €1500 bħala żieda ma' l-€1000 li kien ġie deċiż biex issir l-attivita' tal-International Folk Festival f'Malta fl-aħħar tas-sena li għaddiet. Minħabba li l-ispejjeż telgħu għal €3480 li €1000 minnhom ser jitħallsu minn fondi ta' skema mill-Gvern għal dan il-għan. Għaldaqstant il-Kunsill ikun nefaq €2480.

9.2.1 Il-Kunsill approva din l-ispiża.

## *10.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

**Rapport mill-Viċi Sindku F. Agius**

**10.1** Il-Viċi Sindku s-Sur F. Agius qal li qed jipprepara għal ħarġa kulturali għas-7 ta' Settembru lejliet il-Vitorja.

**Rapport mill-Kunsillier C. Lanzon**

**10.2** Is-Sinj. Cl. Lanzon qalet li rnexxilha ġġib prezz imraħħas għat-tfal tal-Ursolini sabiex jattendu Summer School.

**Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

**10.3** Is-Sur K. Darmanin qal li għamel il-laqgħat dwar in-NW. Għal żona 1 ġie maħtur Salvu Borg bħala kordinatur filwaqt li għal Zona 2 ġie maħtur James Psaila.

Kompla jgħid li fit-2 t' Awwissu ser issir laqgħa għar-residenti ta' Zona 3 ta' Triq il-Knisja, Triq D. Ceci kif ukoll fis-6 ta' Settembru għal Zona 4 fit-Toroq Tal-Barrani, Ġużeppi Montebello, il-Kutnent, Lorenzo Gonzi u Francesco Crispi.

**Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

**10.4** Is-Sinj. D. Vella tat rendikont tal-ħarġa għal Għawdex.

**Rapport mis-Sindku P. Farrugia**

**10.5** Is-Sindku qal li llum saret attivita' għall-anzjani fis-sala tar-Rainbows. Ser issir attivita' oħra fl-24 t'Awwissu.

## *11.0 Ħwejjeġ Oħra*

11.1 Ma kienx hemm rapporti.

## *12.0 Għeluq tal-Laqgħa*

12.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

12.2 Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 23 ta' Awwissu 2010 fil-5.30pm.

**M. L. Mallia**
**Seg. Eżek.**
23/8/10

**Kav. P. Farrugia** **KLJ CMLJ**
**Sindku**